

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-7 ta' Ottubru 2010

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008

(2010/756/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali aħħarin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ ⁽¹⁾

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 ⁽²⁾ li tipposponi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2008, kif ukoll it-tweġibiet tad-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0253/2010),

1. Jiċħad il-kwittanza lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2008 ⁽⁶⁾;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u sabiex jiżgura li jiġu ppubblikati fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

Jerzy BUZEK

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 304, 15.12.2009, p. 124.

⁽²⁾ ĠU L 252, 25.9.2010, p. 232.

⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ Id-deċiżjoni biex jingħalqu il-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 200 għandha tittieħed f'sessjoni parzjali sussegwenti, f' konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2)(b) tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.